MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 921/2009

**Lino Debono**

**Vs**

**Saviour Gauci ghan-nom u in rappresentanza tal-Ministru tal-Finanzi u l-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta u b'digriet tal-24 ta' Novembru 2011 il-qorti ordnat korrezzjoni fis-sens li l-konvenuti huma Leonard Sacco in rapprezentanza u ghan-nom tal-Gvern ta' Malta mahtur b'avviz numru 210 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-Artikolu 3 tal-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari (Kap. 466) u l-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta**.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-23 ta' Settembru 2009, l-attur ippremetta li:-
B'konsegwenza tat-terminazzjoni ingusta u illegali tal-impieg tieghu mal-Korporazzjoni tal-Malta Drydocks kif

ukoll mill-Kunsill tal-Korporazzjoni, fetah diversi kawzi fejn il-Qorti ordnat il-hlas tad-danni u it-telf ta' paga sofferti minnu.
Illi il-Qorti Civili Prim'Awla, fis-sentenza fl-ismijiet *Lino Debono vs Sammy Meilaq bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks, u b'digriet tal-11 ta' April 2000 il-gudizzju gie trasfuz f'isem il-Malta Drydocks, b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2004 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Saviour Gauci nominat mill-Gvern biex jirrapprezenta lil Malta Drydocks* deciza fit-18 ta' Ottubru 2005 (hawn annessa u immarkata bhala Dok 'A') iddikjarat/iddecidiet illi it-tnehhija ta' l-attur minn membru tal-Kunsill tal-Korporazzjoni konvenuta hija "nulla u ineffettiva" u dan "peress li d-decizjoni kif kontenuta u espressa fir-rizoluzzjoni imsemmija, hija ultra vires il-poteri tal-istess Kunsill u mhux konformi mal-ligi" u "*l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti [3/4] mill-konvenut, u r-rimanenti kwart [1/4] jibqa' a kariku ta' l-attur."*.

Illi konsegwentement l-konvenuti kienu responsabbli ghad-danni versu l-attur minhabba din ir-rimozzjoni nulla u illegali.

Il-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet *Lino Debono vs Sammy Meilaq bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks, Lawrence Bilocca, Albert Degabriele u Vincent Micallef fil-kwalita' taghhom ta' membri tal-ad hoc Bord tad-Dixxiplina tal-Malta Drydocks, u Philip Buhagiar, Vincent Giuliano u Tony De Gray ilkoll bhala membri tal-Bord tal-ewwel Appell; u b'digriet tas-7 ta' Lulju 2004 l-atti gew legittimati f'isem is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi a tenur tal-artikolu 3 ta' l-Att XV tal-2003 in rapprezentanza tal-Malta Drydocks* deciza fit-3 ta' Ottubru, 2008 (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B') u li cahdet l-appell interpost mill-konvenuti u ikkonfermat is-sentenza appellata (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok C'). F'din is-sentenza ikkonfermata tal-Qorti Civili Prim'Awla deciza fit-30 ta' Gunju, 2006, il-Qorti iddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-talbiet attrici billi iddikjarat li *"l-proceduri tal-Bord tad-Dixxiplina u t-Tribunali ta' l-Appell*

*fuq imsemmija mehuda mid-Drydocks Corporation fil-konfront ta' l-attur kienu vizzjati billi ma gewx kondotti f'dik l-imparzjalita' rikjesta mil-ligi u b'hekk l-attur ma nghatax l-opportunita' xierqa li jiddefendi l-kaz tieghu"*, u ukoll zammet il-*"Korporazzjoni konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur minhabba l-agir imsemmi"* u dan *"B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur ghal-likwidazzjoni tad-danni."*.

Illi il-konvenuti gew interpellati b'diversi ittri ufficjali ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni. Fil-fatt, ittra ufficjali ta' Mejju 2006 (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok D') li ntbghatet wara id-decizjoni tal-Qorti Civili Prim'Awla, deciza fit-18 ta' Ottubru 2005 fuq imsemmija, lill-Saviour Gauci bhala rapprezentant tal-Malta Drydocks u lill-istess Malta Drydocks sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn notifika ta' l-ittra ufficjali, jaddivjenu ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni u telf ta' paga sofferti b'konsegwenza tat-terminazzjoni ingusta u illegali tal-impieg ta' l-attur mal-Korporazzjoni tal-Malta Drydocks.

Illi, fil-15 ta' Ottubru 2008 ntbghatet ittra ufficjali (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok E'), lill-Saviour Gauci ghan-nom u in rappresentanza tal-Ministru tal-Finanzi u lill-Avukat Generali in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta li tirreferi anke` ghal-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Ottubru 2008 fuq imsemmija fejn il-Malta Drydocks giet dikjarata responsabbli ghad-danni sofferti u fejn gie iddikjarat illi t-tnehhija tal-mittenti mil-Kunsill tad-Dockyard kien illegali. Allura ukoll f'din l-ittra ufficjali il-konvenuti gew interpellati sabiex fiz-zmien ghaxar tijiem mill-ittra ufficjali jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti.

Illi, ukoll fit-2 ta' Novembru 2008 intbghatet ittra ufficjali ohra lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi in rapprezentanza tal-Malta Drydocks (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok F'). L-istess ittra ufficjali ghamlet referenza ghad-decizjoni tat-3 ta' Ottubru 2008, sabiex jaddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' l-azzjonijiet mehuda mill-Korporazzjoni tal-Malta Drydocks fir-rigward ta' l-impieg ta' Lino Debono ma' l-istess Korporazzjoni.

Billi il-Qorti f'dawn il-kawzi iddeciediet favur l-attur fis-sens li rritjeniet lis-socjeta` intimata responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-agir illegali u abbussiv tal-korporazzjoni intimata fil-konfront tieghu. U minkejja li il-konvenuti gew interpellati b'diversi ittri ufficjali sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, dawn baqghu inadempjenti.

Illi tali danni kienu jikkonsistu fit-telf ta' qliegh/pagi, telf ta' l-overtime, allowances ta' shift, hdud u festi, telf ta' interessi, telf ta' karriera (bhala kandidat politiku peress li kellu jirrizenja), il-problemi finanzjarji li nholqu, l-imgieba tieghu mal-familja u ukoll problemi tas-sahha minhabba l-inkwiet u stress mentali kif ukoll il-malafama li sofra minhabba il-pubblicita' fuq gazzetti u mezzi tal-komunikazzjoni, kif ukoll telf iehor konsistenti f'telf ta' drittijiet ta' pensjoni u pensjoni anqas li rrizulta bhala konsegwenza ta' l-agir fuq imsemmi tal-korporazzjoni intimata, liema affarijiet jigu dettaljatament provati tul il-kors tal-kawza.

Ghaldaqstant jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha salv kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna ohra:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbili ghad-danni kollha kawzat bir-rimozzjoni tar-rikorrent minn fuq il-Kunsill tat-tarzna, u dan anke bhala inkluzi f'dawk id-danni ghall-liema l-intimati ga gew dikjarati responsabbili kif fuq inghad fil-precitati sentenzi.
2. Tillikwida id-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' pieni, u tnaqqis fil-grad inflitti fuqhu, u tkeccija, terminazzjoni tal-impjeg u rimozzjoni mill-kunsill tal-korporazzjoni intimata u dan kollox kif fuq spjegat liema likwidazzjoni ghandha issir anke bl-assistenza ta' periti *nominandi*.
3. Tikkundanna lill-konvenutii jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati inkluzi l-interessi legali mid-data ta' meta graw l-fatti lamentati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali, u b' l-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' danni minhabba li gie mnehhi minn membru tal-Kunsill tal-Korporazzjoni Malta Drydocks, kif ukoll minhabba penalitajiet imposti fuqu wara proceduri ta' dixxiplina li saru quddiem Bord ta' Dixxiplina u wara quddiem Bord tal-Appelli. Qieghed jitlob ukoll danni minhabba tkeccija mill-impjieg. Azzjoni li hi bazata fuq dak li gie deciz fil-kawzi, li ghalihom l-attur ghamel riferenza fir-rikors guramentat:-

i. **Lino Debono vs Sammy Meilaq nomine** (1132/94) deciza fit-18 ta' Ottubru 2005, li permezz taghha l-qorti ddikjarat:-
***"nulla u ineffettiva t-tnehhija ta' l-attur minn membru tal-Kunsill tal-Korporazzjoni konvenuta, u dan peress li d-decizjoni kif kontenuta u espressa fir-rizoluzzjoni imsemmija, hija ultra vires il-poteri tal-istess Kunsill u mhux konformi mal-ligi."***.

ii. **Lino Debono vs Sammy Meilaq nomine** (246/1995) deciza fit-30 ta' Gunju 2006, fejn il-qorti ddecidiet li
***'(1) Tiddikjara li l-proceduri tal-Bord tad-Dixxiplina u t-Tribunali ta' l-Appelli fuq imsemmija mehuda mid-Drydocks Corporation fil-konfront ta' l-attur kienu vizzjati billi ma gewx kondotti f'dik l-imparzjalita rikjesta mil-ligi u b'hekk l-attur ma nghatax l-opportunita xierqa li jiddefendi l-kaz tieghu ;***
***(2) Tiddikjara li l-decizjoni tal-Korporazzjoni konvenuta li l-attur jigi mnaqqas fil-grad u pieni ohra lilu komminati skond il-fuq imsemmija decizjonijiet huma konsegwentement nulli u bla bazi fil-ligi ;***
***(3) Tiddikjara lill-Korporazzjoni konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur minhabba l-agir imsemmi.'***.

Sentenza li giet konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza li nghatat fit-3 ta' Ottubru 2008.

L-eccezzjonijiet li ser ikunu qeghdin jigu decizi b'din is-sentenza huma s-segwenti :-

- **Leonard Sacco nomine (10 ta' Jannar 2012)**:-

1. Din il-qorti m'hijiex kompetenti sabiex titratta t-talbiet attrici 'b'konsegwenza tat-terminazzjoni ingusta u illegali tal-impjieg tieghu mal-korporazzjoni tal-Malta Drydocks' billli f'dan il-kaz it-Tribunal Industrijali ghandu bil-ligi gurisdizzjoni esklussiva.
2. Preliminarjament ukoll l-attur ma jistax jipprocedi kontra l-esponent fil-kwalita tieghu premessa billi l-pretensjonjiet tieghu ma intirturx mill-Gvern ta' Malta.

- **Avukat Generali (6 ta' Novembru 2009)**.

1. L-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur.
2. Din il-qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi dwar l-allegata tkeccija ingusta tal-attur peress li l-kwistjoni taqa' fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Il-qorti ser tghaddi biex tikunsidra l-eccezzjonijiet preliminari:-

**Legittimu Kontradittur u jekk il-pretensjonijiet tal-attur intirtux mill-Gvern**.

Bl-Att Dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari (Kap. 466), ghadda ghand il-Gvern ta' Malta ***'kull passiv tal-Korporazjoni u tal-Kumpannija inkluz kull passiv u obbligu taht l-Iskema ghal min Jirtira Kmieni ghandhom ivestu fil-Gvern u jkunu dovuti minnu.'*** (Artikolu 3). Id-definizzjoni ta' Korporazzjoni tinkludi t-Tarzna ta' Malta. Hu ghalhekk evidenti li l-Gvern ta' Malta assuma d-dejn tat-Tarzna.

Iz-zewg kawzi saru kontra l-Malta Drydocks. Eventwalment id-decizjoni:-

- Tal-ewwel kawza nghatat kontra ***'Saviour Gauci nominat mill-Gvern biex jirraprezenta lil Malta Drydocks.'***. Fir-realta' Saviour Gauci kien qieghed jirraprezenta lill-Gvern ta' Malta, wara li kien nominat b'effett ta' dak li jinghad f'Artikolu 3(2) tal-Kap. 466 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel kawza kienet ilha pendenti sa mill-1994. Ghalhekk fid-data li dahal fis-sehh l-Art, 7 ta' Novembru 2003, l-ewwel kawza kienet diga' pendenti.
- Tat-tieni kawza nghatat kontra is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi *'….a tenur ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att XV tal-2003 in rapprezentanza tal-Malta Drydocks'*. Dik il-kawza kienet prezentata fil-21 ta' Frar 1995.

M'hemmx dubju li l-kawzi nqatghu kontra l-Gvern ta' Malta. Ghalhekk hu l-Gvern li jrid iwiegeb ghad-danni li l-

attur jista' jkollu jedd ghalihom b'rizultat tal-imsemmija decizjonijiet.
Ghal dak li jirrigwarda danni li l-attur jippretendi minhabba li tkecca mill-impjieg, minkejja dak li ser jinghad hawn iktar 'il quddiem fis-sentenza, fil-fehma tal-Qorti jekk hemm xi danni x'jithallsu hu l-Gvern li jrid jaghmel tajjeb ghalihom. Mill-atti, ara sentenza tat-8 ta' Gunju 2011 li nghatat fil-kawza **Lino Debono vs Malta Drydocks** (165/1999), jirrizulta kif l-attur kien ikkontesta t-tkeccija mill-impjieg quddiem it-Tribunal Industrijali. Proceduri li nbdew wara li fil-31 ta' Awwissu 1995 l-Ministru kompetenti rrefera l-ilment quddiem it-Tribunal Industrijali. Ghalkemm b'decizjoni li ttiehdet fl-10 ta' Novembru 1998 it-Tribunal kien iddikjara li l-kaz kien jaqa' barra mis-setgha tieghu, bis-sentenza fuq imsemmija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddikjarat li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali *'ma tiswiex ghaliex tirrofta bla raguni tajba l-ezercizzju ta' gurisdizzjoni li l-ligi taghti lill-istess Tribunal u b'hekk thassar l-istess decizjoni.'*. Decizjoni li wkoll inghatat kontra l-Gvern rapprezentat mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi. Kawza li nbdiet b'citazzjoni prezentata fil-25 ta' Jannar 1999, cjoe' qabel l-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari f'Malta (Kap. 466).
Il-kwistjoni tibqa' min hi l-persuna li f'din il-kawza ghandu jirraprezenta l-interessi tal-Gvern ta' Malta. Permezz ta' Artikolu 3(2) tal-Kap. 466 :-
*'L-azzjonijiet kollha pendenti quddiem xi qorti jew tribunal li jkunu nbdew minn jew kontra l-Korporazzjoni jew il-Kumpannija ghandhom jitkomplew minn jew kontra dak l-ufficjal pubbliku f'isem tal-Gvern hekk kif il-Ministru jista' b'avviz fil-Gazzetta minn zmien ghal zmien jistabilixxi.'*.
Hu evidenti li dan il-provvediment qieghed jipprovdi ghal dawk il-kawzi kollha pendenti fid-data li dahal fis-sehh l-Att, cjoe' 7 ta' Novembru 2003. Fl-att ma jinghad xejn dwar dawk il-kawzi li ghad iridu jsiru. Din il-kawza hi kontinwazzjoni tal-ewwel kawzi li gew decizi u li jissemmew fir-rikors guramentat, fis-sens li biha l-attur qieghed ifittex li jithallas id-danni li jsostni li sofra b'rizultat tal-azzjoni li tttiehdet fil-konfront tieghu.
Ghalkemm il-provvediment jirreferi ghall-kawzi pendenti, u fid-data li dahal fis-sehh il-Kap. 466 din il-kawza kienet ghadha ma gietx prezentata, jibqa' l-fatt li l-pretensjoni tal-

attur trid issir kontra l-Gvern ta’ Malta gialadarba kull passiv tat-Tarzna ghadda ghand il-Gvern.

Fil-fehma tal-qorti l-kawza ghandha titkompla kontra dik il-persuna li l-Gvern jinnomina minn zmien ghal zmien biex jirraprezentah fi proceduri relatati mat-Tarzna. L-ilmenti tal-atturi huma kollha rizultat ta’ proceduri li kienu pendenti kontra t-Tarzna ta’ Malta qabel dahal fis-sehh il-Kap. 466. Proceduri li fil-fehma tal-qorti huma kontinwazzjoni, in kwantu ntizi biex l-attur jithallas id-danni li jallega li sofra b’rizultat tal-agir tat-Tarzna ta’ Malta fil-konfront tieghu. Ghalhekk Saviour Gauci nomine hu l-legittimu kontradittur. F’dawn ic-cirkostanzi, il-presenza tal-Avukat Generali m’hijiex mehtiega.

**<u>Gurisdizzjoni dwar talba ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni minhabba tkeccija mill-impjieg</u>.**

B’riferenza ghat-tezi li din il-qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni biex tiddeciedi dwar id-danni ghat-tkeccija tal-attur mill-impjieg, il-qorti tosserva:-

i. Fis-sentenza li nghatat fil-kawza 246/1995 deciza fit-30 ta’ Gunju 2006 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Ottubru 2008, il-qorti ddikjarat li d-decizjonijiet kienu vvizjati ghaliex il-proceduri ma tmexxewx b’imparzjalita`. Ghaldaqstant, id-decizjonijiet li *‘….l-attur jigi mnaqqas fil-grad u pieni ohra lilu komminati skond il-fuq imsemmija decizjonijiet huma konsegwentement nulli u bla bazi fil-ligi.’*. Id-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina ttiehdet fis-16 ta’ Dicembru, 1994. Din il-kawza ma kellix x’taqsam xejn mat-tkeccija tal-attur mill-impjieg li kellu fit-Tarzna.

ii. Jirrizulta li f’Marzu 1995 bdew proceduri ta’ dixxiplina kontra l-attur. Fl-10 ta’ Lulju 1995 il-Bord sab lill-attur hati tal-akkuzi li saru kontra tieghu u ddecieda li jitterminalu l-impjieg b’sehh mis-6 ta’ Gunju 1995. Fuq talba tal-Union li kien inkariga l-attur biex tiddefendilu l-interess tieghu, u li saret fid-19 ta’ Awwissu 1995, il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali sabiex jistharreg l-ilment tal-attur dwar terminazzjoni ingusta tal-impjieg. B’decizjoni li nghatat fl-109 ta’ Novembru 1998, it-Tribunal iddecieda li l-kaz ma kienx jaqa’ fil-gurisduzzjoni tieghu. L-attur ikkontesta din id-decizjoni permezz ta’ kawza fl-ismijiet **Lino Debono vs Malta Drydocks** (165/1999). B’sentenza li nghatat fit-8 ta’ Gunju 2011 il-qorti ddikjarat li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali ma tiswiex u ordnat li l-kaz

jinstema' mill-gdid *'safejn din illum hija fattibbli'*. F'dik is-sentenza l-qorti osservat li l-indagni li ghandha ssir quddiem it-Tribunal Industrijali *'….jmur lil hinn minn konsiderazzjoni ta' raguni gusta u sufficjenti fil-mertu.'*. Kompliet tosserva li gie stabilit li t-Tribunal Industrijali *'…..ghandu s-setgha, taht l-artikolu 75 (l-artikolu 28 tal-Kap. 266), li jifli tkeccija minn impjieg ukoll jekk, minkejja li kien hemm ragunijiet li jiggustifikawha, **din tkun saret b'mod mhux misthoqq jew ingust**. Fi kliem iehor, din il-gurisdizzjoni tat-Tribunal testendi ghal dak li huwa maghruf bhala **technically unfair dismissal**. Tali bixra ta' fehmiet baqghet titqies ukoll matul iz-zminijiet. B'dan ghalhekk li, ladarba jigi stabilit li l-kwestjoni taqa' fil-limiti ta' dik il-gurisdizzjoni esklussiva, l-Qrati ma jkollhomx izjed setgha jidhlu fil-kwestjoni, u jibqa' biss setgha ta' revizjoni dwar l-operat tat-Tribunal, fit-termini u l-limiti imfissrin izjed 'il fuq….'*. (enfazi ta' din il-qorti). Ghalhekk il-qorti ghamlitha cara li l-gurisdizzjoni tat-Tribunal m'hijiex biss biex tistabilixxi jekk it-tkeccija mill-impjieg kenitx gustifikata fil-mertu, izda wkoll fejn l-ilment hu li t-tkeccija hi proceduralment skorretta (f'dan il-kuntest ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Avukat Dr Carmel Chircop vs Awtorita Marittima ta' Malta** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, li saret riferenza ghaliha fis-sentenza tat-8 ta' Gunju 2011). Sal-lum ma tezisti l-ebda decizjoni dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur mit-Tarzna saritx b'mod mhux misthoqq jew ingust u jekk it-tkeccija kenitx fil-meritu kenitx gustifikata.

iii. Din il-kawza giet prezentata fit-23 ta' Settembru 2009, cjoe' fi zmien meta l-attur kien ghadu qieghed jikkontesta l-validita tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali.

Permezz tat-tieni talba l-attur qieghed jitlob lill-qorti biex:-

*'Tillikwida id-danni kollha sofferti mir-rikorrent bhala konsegwenza ta' pieni, u tnaqqis fil-grad inflitti fuqhu, u **tkeccija, terminazzjoni tal-impjieg** u rimozzjoni mill-kunsill tal-korporazzjoni intimata u dan kollox kif fuq spjegat liema likwidazzjoni ghandha issir anke bl-assistenza ta' periti nominandi.'* (enfazi tal-qorti).

Il-kwistjoni dwar *'tkeccija, terminazzjoni tal-impjieg'*, sal-lum il-gurnata ghadha pendenti. Fis-sentenza tat-8 ta' Gunju 2011 il-qorti ghamlitha cara li din hi materja li ghandha tigi deciza mit-Tribunal Industrijali. Inoltre, bil-ligi

hu dak l-istess Tribunal li ghandu l-gurisdizzjoni li jaghti kumpens lill-attur, u li jkunu jinkludu d-danni li seta sofra bit-tkeccija mill-impjieg.

Ghalhekk din il-kawza ghandha tibqa’ tinstema’ limitatament fir-rigward tad-danni li l-attur qieghed jallega li sofra b’rizultat:-

i. Tat-tnehhija mill-Kunsill tat-Tarzna ta’ Malta ;

ii. Tad-decizjoni li ttiehdet mill-Bord tad-Dixxiplina fis-16 ta‘ Dicembru 1994 u li ghaliha kienet tirreferi l-kawza fl-ismijiet **Lino Debono vs Sammy Meilaq nomine** (246/95) deciza fit-30 ta‘ Gunju 2006 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta‘ Ottubru 2008.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi billi:-**

**1. Tiddikjara li l-Avukat Generali m’huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez a karigu tal-attur.**

**2. Filwaqt li tikkonferma li l-obbligazzjonijiet tat-Tarzna intirtu mill-Gvern ta’ Malta, tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ Leonard Sacco nomine. Spejjez a karigu ta’ Leonard Sacco nomine.**

**3. Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni ta’ Leonard Sacco nomine u hames eccezzjoni tal-Avukat Generali u tiddikjara li din il-qorti m’ghandix gurisdizzjoni biex tiddeciedi t-tieni u tielet talba tal-attur in kwantu din tirreferi ghat-tkeccija u terminazzjoni tal-impjieg mit-Tarzna ta’ Malta. Ghalhekk f’dan ir-rigward tillibera lil Leonard Sacco nomine mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez relatati ma’ din l-eccezzjoni a karigu tal-attur**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------